**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 167/2014*

**Il- Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**-vs-**

**Emanuel Micallef, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 21379M**

Illum, 10 ta' Gunju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Emanuel Micallef**, u ċioè talli:

1. Fi Frar 2014, u fix-xhur u snin ta' qabel, ġewwa diversi nħawi fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnesjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

2. Talli fl-istess perjodu, bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bħala mpjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak l-Liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-Liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-Liġi;

3. Fl-istess perjodu, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita' oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu;

4. Fl-istess perjodu b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex ġiegħel titwemen l-eżistenza ta' intrapiżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, għamel qliegħ għal-valur li jaqbeż elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta;

5. Fl-istess perjodu bi ħsara ta' ħaddieħor għamel qliegħ ieħor b'qerq għal-valur li jaqbeż elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin centeżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-diżpożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering u tipproċedi sabiex minnufih tagħmel ordni temporanja ta' iffriżar tal-assi tal-imsemmi Emanuel Micallef;

F'każ ta' ħtija il-Qorti ġiet mitluba, li wara li tinforma ruħha minn fatti speċifiċi, u tkun għal kollox konvinta li l-propjeta` inkwistjoni tkun inkisbet minn attivita kriminali, din il-propjeta` tiġi konfiskata.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-20 ta' Novembru, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- Fl-Artikoli 10, 17, 23, 23A(2), 23B, 23C, 31, 532A, u 533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol.893

- Fl-Artikoli 18, 115(1)(b)(c), 119 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 112, 119 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 127(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli18, 308, 309, 310(1)(a)(b), 310A tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 309 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jammetti ghall-ewwel imputazzjoni, dik ta' korruzzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

**Daniel Zammit**, l-ispettur investigattiv spjega kif wara rapport mill-Internal Audit Unit tal-Enemalta skattat investigazzjoni dwar meters li gew *tampared* bl-iskop li jirregistraw anqas konsum. Irrizulta li l-imputat kien wiehed mill-*fitters* li kienu responsabbli mill-installazzjoni ta' dawn il-meters.[2] *"Minn informazzjoni ohra li rciviet il-pulizija, biex nispjega ezatt x'kien qieghed jigri, klijent tal-EneMalta li jkollu meter tad-dawl installat ghandu u li dan ikun jixtieq meter li jaqra inqas konsum, kien b'xi mod jew iehor javvicina lil dawn il-persuni, jew direttament jew through persuna ohra, dawn il-persuni li semmejt fosthom ....Emanuel Micallef kien ikollhom il-meter ghandhom ghax l-EneMalta lil fitters taghha kienet ittihom stock ta meters, kien ikollhom ammont ta meters li diga huma modifikati, s'issa ghadna ma wasalniex ghal min qieghed jaghmel dawn il-modifici, u jmorru jwahhluh ghand il-klijent tal-EneMalta, u dana kollu jsir permezz ta hlas. Il-hlasijiet qatt ma kienu jkunu l-istess pero l-ammont kien ikun ghal madwar elf Euro ghal kull meter li jigi nstallat pero nirrepeti minn informazzjoni li waslitilna l-ammonti kienu jvarjaw."*[3] Ikkonferma li kienu qed jigu investigati madwar elf kaz ta' *tampared meters* u seta' kien hemm involuti aktar *fitters*.[4]

---

[2] Fol.31-32
[3] Fol.33
[4] Fol.34

**Antoine D'Ambrogio**, *internal auditor* fi hdan l-Enemalta, spjega kif wara li l-Enemalta baghtet tlett meters ghand l-ENEL sabiex jigu ezaminati, rrizulta li dawn kienu *under-registering*. It-Taljani skoprew li kienet giet *tampared* is-*circuit board* biex tirregistra anqas kurrent. Il-pulizija giet involuta minhabba li l-investigazzjoni kienet wahda kbira tenut kont l-ammont ta' *smart meters* li kienu installati. Irrizulta li kien hemm numru ta' kazijiet, qrib l-elfejn wiehed, fejn il-meter l-antik gie *replaced* bi *smart meter* minghajr ebda raguni u dan qanqal hafna suspetti.[5] *"In the meantime kien hareg pattern iehor li beda jtina hint ta fejn jista jkun li nsibu meters li kienu mbaghbsa, u dan il-pattern kien illi normalment meter meta jitwahhal gdid jibda minn zero, issa konna qeghdin insibu incidenzi ta meters li ma jibdewx minn zero, twahhal u dan kellu diga reading fuqu..... Kellna sebghin li kienu maghzulin ghall-inspection u sad-29 ta Jannar konna spezzjonajna sittax li minnhom tnejn kienu ta installer partikolari, li kienu ta installer partikolari. Ultimately, nibtu l-ismijiet taz-zewg installers, tat-tielet wiehed li diga kellu l-kaz u li qeghdin jigu pprocessati, u ovvjament ghaddejna l-evidenza kollha lil pulizija etc etc[6]....-erba meters li nfethu, tlieta mit-Taljani u wiehed mill-EneMalta, instabu li kellhom l-istess tbaghbis fic-circuit board"[7].* Kompla li l-imputat kien *installer*, u nstabu erba meters li kienu gew mwahhlin u bdew *under-reading*.[8] Wara dawk l-indikazzjonijiet *"malli ndunajna li kien hemm pattern li deher li iktar jista jwassalna qrib li nibdew noqorbu lejn x'inhi l-problema per se, li kien in-non-zero reading meter ghas-semplici raguni li non-zero kien hemm inqas milli kien hemm Smart to Smart, allura qlibna ghal fuq in-non-zero, jigifieri mhux qed nghid, ma nistax nghid illi dawk huma l-ammonti totali. Dan kien il-hint li kellna, l-lead li kellna biex nibdew ninvestigaw,..".[9]* Ikkonferma li malli bdiet l-investigazzjoni l-imputat gie sospiz mill-human resources department tal-Enemalta.[10]

**Carmel Scerri,** *engineer*, spjega li kien il-manger in charge mill *meter section* , responsabbli mir-*roll out* fejn qed jinbidlu l-meters u fejn il-meters mill-antiki jinbiddlu ghal dawk godda; kien responsabbli wkoll ghall-hsarat li jigru fl-EneMalta. L-investigazzjoni taf il-bidu taghha meta dahal meter minn H'Attard biex jinbiddel u l-prassi kienet li kull meter li

---

[5] Fol.38
[6] Fol.39
[7] Fol.40
[8] Fol.41
[9] Fol.42
[10] Fol.50

jinbiddel jigi ttestjat fuq it-*test bench*. Irrizulta li kien qed jaqra 70% *under*.[11] Meters jinbiddlu mill-antik ghall-wiehed gdid jew minn smart single-phase ghal smart three-phase jew vice versa.[12] Dahhlet informazzjoni fuq meter iehor minn H'Attard li wkoll kien *under-registering* b'45%, u iehor mill-Fgura li kien jaqra 91% anqas. L-Smart meters f'Malta huma kollha disinjati mill-ENEL bil-manifattura taghhom issir ic-Cina mill-kumpanija bl-isem Kaifa.[13] Wiehed mis-single-phase meters gie muri lil ENEL waqt li kellha delegazzjoni f'Malta u minn test iehor li sarlu gie *under-registering* b'varjazzjoni zghira fil-percentagg.[14] Kien gie deciz li jittihidlu *x-ray* u t-Taljani jezaminaw bir-reqqa dawk ir-ritratti u dan sabiex ma jinfetahx u jigu vjolati l-*patent rights* tal-ENEL.[15] Sussegwentement l-Enemalta giet infurmata li l-meter huwa miftuh u gie deciz li l-meter li kien single-phase jintbghat il-laboratorju tac-CESI.[16] Wara ntbghatu zewg meters ohra tat-three-phase. Ikompli *"fir-rapport hemm miktub li malli dan jidher li meta dahlulu rawh bil-lenti kien jidher car illi l-meter miftuh, jigifieri mill-glue u mis-sockets kif jinghalaq il-meter case ma case ghamlulna fir-rapport ghandna miktub kif huma raw li dan il-meter huwa miftuh, u sekondarjament meta fethuh dawn sabu illi l-PCB, li fuqha hemm il-components, kien hemm il-components neqsin. Dak li fih ir-rapport.... sabulu l-components neqsin ezatt minn fejn hemm ic-circuit tal-comparator jigifieri minn fejn ezatt qed jitma biex jghid kemm jigi registrat il-kurrent. Issa x'ghamel fir-rapport hawn miktub li dan l-espert li dan ovvjament kien jaf x'suppost hemm minflok li sab, reggha waddab l-affarijiet li suppost hemm. Jigifieri jekk kellu resistenza nieqsa, dan kellu c-circuit, qabad resistenza u wahhalielu, u reggha ccekkjah. U l-meter gabu jahdem 100%."*.[17] Scerri mbghad jixhed li *"mela tliet fatturi komuni li kienu fuq dawn il-meters kienu Smart to Smart, ma hargux mill-istess ufficcju, kienu tal-istess installer, tnejn minnhom, tnejn minnhom kienu tal-istess installer, is-sigilli kienu tal-istess installer imma tnejn minnhom il-meter u l-istallazzjoni kienu tal-istess installer, fuq dawn it-tliet meters. Il-meter l-iehor, il-meter ma kienx mahrug fuq l-installer imma s-sigilli kienu tieghu, mill-istess installer, jigifieri il-komunita, the thing in common li kien hemm fuq dawn it-tliet meters kienu tliet affarijiet, li s-sigilli kienu ta installer partikolari..... Ix-xoghol kien Smart to Smart, u li ma kien hemm xejn fis-sistema li tindika ghalxiex kellu tinbidel il-meter"*[18].

---

11 Fol.52-53
12 Fol.53
13 Fol.54-55
14 Fol.58-59
15 Fol.59
16 Fol.61
17 Fol.64
18 Fol.66

Mir-rapporti kien irrizulta li kien hemm *components* neqsin *"imma c-circuit huwa differenti, peress illi fit-three phase inti jkollok ir-red, il-yellow u l-blue, fit-three phase kien hemm per ezempju sitt components neqsin, fis-single phase kull ma kien fih ir-rapport li kien hemm tracca stun bejn zewg components li dan ixxortjhom, allura malli inti taghmel dik it-tracca stun bejn dawn iz-zewg components u tixxortjhom dan jigi jaqra inqas. Hu nehhija din it-tracca stun u gabu jaqra tajjeb.".*[19] L-enemalta bdiet ezercizju biex tiddentifika meters li nbiddlu smart to smart minghajr raguni u meta kienu wasslu biex jiddentifikaw mas-70 meter[20], kienu lahqu wasslu strumenti li kienu ser jippermetulhom jaghmlu *on-site testing*. *"Hargu b'dawn l-istrumenti, marru fuq il-post, u meta kienu qed ikunu fuq il-post bdew itellghu dawn il-meters li kienu qeghdin under registering, jigifieri minn dawk tal-Ismart to Smart, morna fuq il-post, qabduhom l-Engineera ittestjawhom fuq il-post u dawn bdew johorgu rapport li dan huwa, u haga tal-iskantament kien hemm xi haga fattur komuni, li hafna mill-meters kienu minus 65, jigifieri l-maggior parti tal-meters li nstabu kienu minus 65 percent.... harget li meta kienu qeghdin jaghmlu t-testijiet hemm barra sabu numru sostanzjali ta a particular installer....Gauci...li kien jahdem fil-meter room..... U hareg ukoll illi fit-test preliminarji meta konna qeghdin naghmlu t-tests, hareg meter iehor ta a particular installer....Pantallaresco."*[21]

Kien gie deciz li jestendu l-investigazzjoni fuq meters installati minn l-*installers* l-ohra li kienu fil-*meter-room: "Erba meters partikolari ta installers differenti, u meta nstallajna dawn l-erba sibna wiehed minnhom li kien installazzjoni ta Emanuel Micallef li kienet under registering ukoll".*[22] Irrizulta li kien hemm erba meters ta' Emanuel Micallef li gew testjati u rrizultaw *under-reading, "Iva u tlieta maqlughin halli nkunu qeghdin cari u wiehed ghadu fuq il-post sa lbierah.".*[23] Meta jigi biex jitwahhal meter *"ahna ghandna tliet affarijiet illi niccekkjaw, il-meter fuq min hareg, min wahhlu, u s-sigilli min iffirma ghalihom"* u ghalhekk min iwahhal meter irid iwahhal is-sigilli tieghu, *"jekk ma jkollux is-sigil tieghek hekk qed jidher fis-sistema jigifieri hareg il-meter, wahhaltu inti u inti ffirmajt ghas-sigilli li wahhalt fuq dak il-post, tliet affarijiet*[24]*.*

[19] Fol.67
[20] Fol.68-69
[21] Fol.70-71
[22] Fol.73
[23] Fol.76
[24] Fol.80

In kontro-ezami ma jeskludix li jista' jaghti l-kaz li ghalkemm meter irid jinhareg mill-istores fuq *works order* mahrug minn ufficjal iehor, jekk meter hu imbghabas minn xi terz u jintbghat fitter injar ghal kollox li dak il-meter hu *tampared "Remotament iva. Jekk kif qed iggibha inti tezisti din il-possibilita"*.[25] Dan meta l-*works order* tista' ssir mill-installer innifsu f'kazijiet ta' smart to smart[26]. Il-*works order* tohrog mill-ufficju f'kazijiet ohra. L-*installers* inghataw training dwar kif ihaddmu l-PDA u kif johorgu *works order* smart to smart jew jircevu *works order*. Jikkonferma li smart meter jista' jkun jinhtieg jinbiddel minhabba *flickering* jew *wrong polarity* izda jghid li f'kull tip ta' hsara li tirrikjedi li jitnehha' s-sigill trid tuza l-PDA.[27]

In ri-ezami jispejga kif meters jigu registrati fuq *installers* partikolari li jkunu wahhluhom u jeskludi l-possibilita` li meter jibqa' ma jigix registrat jew jehel fuq persuna ohra li ma tkunx dik li tkun wahhlitu: *"Le is-sistema qeghda li meta meter johrog minn gol-istores, dawk johorgu fuq Charlie Scerri u jien ghandi warehouse, jigifieri kull installer huwa warehouse u l-vann tieghu huwa l-istore tieghu. Dana tinsewx li kienu bir-roll out u dan kien hemm min johrog ghaxra jiddependi kemm jahdem, min johrog ghoxrin .... meta inti l-meter tidhol tipprogrammah hu l-programm jaqra l-meter number jirregistrah fis-sistema u inti tkun tajtu l-username tieghek.... imma ahna ma noqghodux fuq il-username biss, ahna qed noqghodu* ***fuq il-username, fuq il-meter u fuq endorsed sheet tas-sigilli li twahhlu, endorsed issa mhux fuq PDA****."*. Ghalhekk meta meter jitwahhal ghand klijent awtomatikalment irid jigi rregistrat fuq il-PDA tal-*installer* li jkun wahhlu.[28]

**Joseph Mangion** in rapprezentanza tal-Enemalta xehed li l-imputat beda jahdem mal-Enemalta fis-26 ta' Lulju, 1999 u f'Lulju, 2012, il-grad tieghu kien dak ta' *distribution trade person*.[29]

**Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobsplus esbixxa l-*employment history* tal-imputat minn fejn jirrizulta li kien impjegat mal-Enemalta Corporation sa mill-1995. Baqa' hekk impjegat sa Awissu 2014 meta imbghad gie impjegat ma Engineering Resources Ltd.[30]

---

[25] Fol.82
[26] Fol.83
[27] Fol.85
[28] Fol.89-90
[29] Fol.217-219
[30] Fol.284 et seq.

Gew esebiti certifikati ta' ezenzjoni bis-sahha ta' l-artikolu 19 ta' l-***Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni***, Kapitolu 326 ta' l-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward ta' Mario Vella u David Galea.[31] Sussegwenetment gew prezentati certifikati ohra fil-konfront ta' George Mifsud, Joseph Stivala u Carmel Agius.[32] Certifikati ohrajn gew esebiti minn Dr. Anthony Vella fil-konfront ta' Giorgina Baldacchino, Joseph Pace, Victor Schembri, Matthew Pace, Maria Cucciardi[33] u Joseph Cucciardi.[34]

**Eric Montfort** esebixxa rinunzji ta' kwereli fil-konfront ta' Vella u Galea,[35]kif ukoll fil-konfront ta' Carmelo Agius, Joseph Stivala u George Mifsud.[36] Giorgina Baldacchino, Joseph Pace, Victor Schembri, Matthew Pace.[37]

**Mario Vella** xehed kif ltaqa' mal-imputat fis-salon ta' martu peress li kien klijent u meta kien gie d-diskors fuq il-kontijiet gholjin tad-dawl, qalilha li hemm soluzzjoni ghaliha. Ghalhekk ltaqa' mieghu biex ikellmu w sar ftehim biex jaghmel dak ix-xoghol[38] *"Li jien inhallas elf u sitt mitt Euro u jigi johodli l-arlogg u jbaghbsu"*. Hadlu l-arlogg li kellu installat u meta gab l-arlogg lura biex jerga' jwahhlu talbu €1,600. Tul it-tlett ijiem sakemm ma kellhomx arlogg tad-dawl, xorta kellhom kurrent elettriku. Ikompli *"Gie, qala l-arlogg, hadu, x'ghamel biex kellna d-dawl ma nafx ghax minix electrician, sewwa, u wara jumejn, tliet ijiem reggha gie u wahhlu. Sintendi tajtu l-flus dakinhar li gie jwahhlu"*.[39] Il-konsum beda jigi registrat bhala *low consumption* wara dan il-bdil.[40] Xehed wara li harget li ser jinghata' amnestija.

**David Galea** xehed kif meta l-imputat mar iwahhal il-meter fir-residenza tieghu qallu li jista' jibda jaqra anqas *"Qalli imma tipo sabulu kaptu biex jigi*

---

[31] Fol.99 et seq; **Dok. EM3 u EM4** a fol. 101 u 102 rispettivament.
[32] Fol.141 et seq.
[33] Fol. 210 et seq; **Dok. EM18-Dok.EM22.**
[34] Fol. 226 et seq.
[35] Fol.94-95
[36] **Dok. EM9-EM11** a fol. 138 et seq. Xhieda a fol. 146-148
[37] Fol.229 et seq.
[38] Fol.103-104
[39] Fol.105
[40] Fol.106

*jaqra inqas. Mbaghad saqsejtu kemm u qalli elf u mitejn [€1,200]".*[41] Dan gara meta kien lahaq wahhal il-meter izda imbghad *"qalghu, hadu mieghu mbaghad gie l-ghada bih."*. Ma jafx jekk kienx l-istess meter izda kien wiehed bhalu.[42]Gie jaqra kwazi in-nofs ta' dak li kien jaqra qabel.[43] Ghazel li jigi l-quddiem wara li sar maghruf li kienet ser tinghata l-mahfra.[44]

Il-meters ta' Vella u Galea gew esebiti in atti flimkien mar-rapporti relattivi.[45] Irrizulta li kienu *under-registering* b' 76% u 60% rispettivament.

**George Mifsud** spjega kif wara li kien ltaqa' mal-imputat f'hanut u darba fost l-ohrajn *"Tlajt ghandu u ghidtlu x'inhu xogholok inti nsomma ma tafx inti, qalli mal-EneMalta nsomma jiena nahdem fil-meters, u saqsejtu kif qed tahdem is-sistema tal-bdil ghax tieghi kien ghadu ma nbidilx, tal-bdil tal-meters ghax tieghi kien ghadu ma nbidilx. Ghidtlu kif qed tahdem is-sistema? **Qalli jekk trid nista' nigi nibdilhulek jien.** Ghidtlu bil-qalb kollha nsomma hux ha nghidu hekk mhux xorta ghalija jien. Nsomma wasalt biex nitlaq, qalli x'ghandi ntik, ghidtlu tini haqq l-ispejjez nghidu ahna u tax-xoghol ma rrid xejn. Qalli le le mhux hekk, u ghidtlu bla skop ta xejn**, ghidtlu meta tigi ghidtlu gibli arlogg li ma jahlilix dawl**. Ghamiltlu hekk. Qalli hemm xi rimedju ta, qalli hemm xi rimedju. Ghidtlu iva jiena kif jista jkun, qalli tini hmistax il-mija, dak il-hin xengilt naqra rasi nghidlek id-dritt insomma, u biex ma ntawwalx baxxejt rasi u accettajt ghidtlu m'hemmx x'taghmel qalli tisma' minn ghandi, qalli tisma' minn ghandi. Ghaddew xi jiem insomma, cempilli, qalli George meta? Ghidtlu meta trid aqbad u ejja nsomma. Gie u biex ma ntawwaliex wahhal il-meter, qala' l-antik insomma, ma nafx lil min cempel biex dahal fil-programm, u daqshekk tajtu l-flus, risq u barka u dak kollox."*. L-imputat rega' mar iwahhallu l-meter u hallas €1,500 *cash.*

**Joseph Stivala** xehed kif waqt li l-imputat kien qed jinstalla l-meter semmielu li seta' jaghmillu sistema fejn il-meter jibda jaqra' anqas konsum.[46] Halsu €1,300 *cash "qalali l-arlogg reggha, reggha qalahuli ghax tieghi kien diga wehel, u qalli issa nerga nigi iktar tard, imbaghad kien gie iktar*

---

[41] Fol.110
[42] Fol.111
[43] Fol.113
[44] Fol.115
[45] Fol.118; Vide **Dok. EM7** a fol. 120 u **EM8** a fol. 121
[46] Fol.156

*tard, qalali l-arlogg u hadu, mbaghad kien reggha gie l-gurnata ta wara gabu u reggha wahhaluli. Hallastu u daqshekk".*[47]

**Carmelo Agius** iddeskriva kif ltqata' mal-imputat f'hanut tat-te` u bdew jitkellmu fuq ghadd ta' affarijiet u l-konversazzjoni *"daret fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kulhadd jghid kemm huma gholjin u hekk. Wara li hadt it-te u hekk tlaqt il'barra, gie ragel warajja qalli isma inti trid tirranghom dawn l-affarijiet, ghidtlu x'inhuma jien? Qalli l-kont tad-dawl u l-ilma nnaqashulek bit-20 jew bit- 30 percent? Heqq ghidtlu mhux xorta jien. Insomma minn hemm u minn hawn domna nparlaw u ftehmna li ntih one thousand.... Ftehmna ghal erbat ijiem wara, tajtu d-data, fejn noqghod u kollox, Hal-Qormi 9 Guze Cardona Street Qormi, u gie qala li ghandi, stennejt tliet sieghat.... Ghamilt xi tliet sighat minghajr dawl sa dan it-tant kelli xi qadjiet ghamilthom u gie jwahhalli iehor. Tajtu l-elf Euro [€1,000] u daqshekk."*[48]

L-meters li kienu fir-residenzi ta' dawn it-tlett xhieda gew esebiti minn **Carmel Scerri**.[49]

**Georgina Baldacchino** spjegat kif meta kien qed jinbiddel l-meter taghha u bdiet tgorr, l-imputat qalilha li seta' jirrangala xi haga. Il-meter twahhal u halset €1,200.[50]

**Victor Schembri** xehed li meta kien qed ikellem habib tieghu dan semmielu li jaf lil xi hadd jirranga l-meters.[51] Kien ghamel kuntatt mieghu u dan gie qala' l-meter u hadu mieghu imbghad rega' gabu lura. Gharaf lill-imputat bhala l-persuna li hadet il-meter u zied li kien hallsu €1,400.[52]

**Joseph Pace** spjega kif meta kien gewwa daru *"gie bniedem tal-Enemalta bil-bagalja biex jibdel l-arlogg ghidtlu tista' tidhol tibdlu, u hu u jibdlu ghidtlu gbitlu l-attenzjoni ghidtlu hawn hafna ghidud li dawn l-arloggi jahlu hafna jien, qalli imma jekk trid nistaw nirrangaw xi haga, ghidtlu x'jigifieri jien, qalli thallas daqs tnax il-mija nistghu nirrangaw xi haga. Ghidtlu hafna ghalija, ghidtlu b'elf [€1,000] ma naghmlu xejn, qalli nirrangaw. Tlajt ingiblu l-flus, sakemm inzilt*

[47] Fol.158
[48] Fol.163-165
[49] Fol.169
[50] Fol.238-239
[51] Fol.242
[52] Fol.243

*lahaq rama' l-arlogg il-gdid, hallastu u telaq."*. Gharraf lill-imputat bhala l-persuna li kien qed jireferi ghaliha.[53]

Gew esebiti wkoll meters ta' Joseph Pace, Victor Schembri, George Baldacchino u Matthew Pace.[54]

Il-meters appartenenti lil Rita Agius, u Maria Cucciardi gew esebiti mill-**Engineer Christopher Cutajar**.[55]

L-**P.L. Caroline Zerafa** pprezentat certifikati t'esenzjoni ai termini tal-Kap.326 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' Joseph Cucciardi, Maria Cucciardi, Rita Agius u Philip Agius.[56]

**Joseph Cucciardi** xehed li *"F'Marzu ta' sentejn ilu kont ircivejt karta biex jibdluli l-meter. Jien kont cempilt, u dakinhar kien irrispondieni Manuel u qalli li hu qed jibdel il-meters. Kien gie ghandi u dakinhar stess meta kien gie mill-ftit li konna tkellimna kien offrieli meter li jaqra inqas, u jiena tkellimtha mal-mara peress li l-arlogg fuqha u ahna accettajna li niehdu dan il-meter. Hallasna s-somma ta' <u>1200 Euro</u> u kien gie darb'ohra sintendi biex jinstallah, u ahna konna kuntenti b'dak li kien qed jaghmlilna hux."*.

**Philip Agius** spjega kif ltaqa' mal-imputat meta kien qed jirranga meter ta' residenza tieghu u ftehmu biex jirrangalu l-meter biex jigi jaqra anqas konsum. Kien ha l-meter u gabu lura li l-meter tar-residenza tieghu kien rregistrat fuq martu.

**Matthew Pace** xehed kif kellu jinbiddel il-meter li kellu fil-hanut tieghu u meta kien qed jitkellem mal-ufficjal tal-Enemalta u *"waqt il-konversazzjoni ssemmiet l-option li kien hemm Smart Meter li jirrekordja inqas usage. Ovvjament kont daqxejn xettiku f'dak l-istadju ghax is-Sinjur ma kontx nafu jigifieri. Konna tkellimna prezz inizzjali ta' 1500 imbaghad kien <u>nizel 1200</u> u bazikament kont hallasthom over three weeks, u nbidel gurnata wara jigifieri f'temp t'ghaxar minuti, kwarta."*.[57]

---

53 Fol.245-246
54 Fol.236; **Dok.EM29-32**
55 Fol.255; **Dok.EM35** u **Dok. EM 36**
56 Fol, 259 et seq.
57 Fol.283

L-**Professur Cyril Spiteri Staines** xehed kif wara li ezamina s-sitt (6) meters esebiti f'dawn l-atti, rrizulta li *"kienu qed jirregistraw inqas"*. Dan l-*under registration* kien ta' bejn 33% u 23%.Dan ir-reading kien dak li rrizulta wara li saru l-*bench tests* u ma setghax jghid kemm kien *under-reading* qabel ma gie maqlugh.[58]

L-**Probation Officer Charisse Boffa** xehdet kif l-imputat kien idoneju biex jaghmel servizz fil-kommunita` f'kaz ta' sejbien ta' htija.[59] Mir-rapport taghha jirrizulta li l-imputat ghandu relazzjoni stabbli ma uliedu u ghajr ghal dawn il-proceduri u kaz ta' sejbien ta' htija fi zmien meta kien ghadu minorenni fuq sewqan minghajr licenzja, ma jirrizultax li kellu proceduri ulterjuri istitwiti fil-konfront tieghu. Gie rakkomandat li l-imputat jibqa' jghix hajja ta' bzulija u jahdem b'mod regolarrizat filwaqt li jassigura li jkun prezenti f'hajjet uliedu. [60]

***Korruzzjoni: L-Ewwel Imputazzjoni***

L-imputat rregistra ammissjoni ghal din l-ewwel imputazzjoni.

***Konkussjoni: It-Tieni Imputazzjoni***

Illi l-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-***Noti*** tieghu taht t-titolu imsejjah '***Of the Abuse of Public Authority***' jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u cioe:[61]

> *"1. The public character of the offender;*
> *2. The unlawful exaction; u*
> *3. The colour of office."*
>
> It is, in the first place necessary that the offender be an officer or employee of a public administration or a person employed by or under the Government.

Illi ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Faure**:[62]

---

[58] Fol.807-808. Rapport **Dok.SSB** a fol. 810
[59] Fol.909
[60] **Dok.CB**
[61] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 80

[62] Onor Imhallef Dr. David Scicluna, Appell Numru 251/2007; Deciza 08.06.2007

It-tieni aggravju jirrigwarda l-imputazzjoni fejn l-appellat gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 112 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi:

**"Kull ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-kariga tieghu, jesigi dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa sena."**

L-elementi mehtiega biex jissussisti dan ir-reat huma: (1) il-karattru pubbliku tar-*reo*, (2) li jesigi xi haga llegalment, (3) taht il-libsa tal-kariga tieghu.

L-appellant isostni illi t-tieni imputazzjoni tirrizulta ghaliex gie skopert li kien intbaghat cekk personali lill-appellat fl-Enemalta ghal Stg150. Izda l-artikolu 112 jitkellem dwar min "jesigi" (fit-test Ingliz *"exact"* – li jfisser *"to compel"*, *"to demand"*, *"to force"*, ecc.). Minn imkien ma jirrizulta li l-appellat "esiga" pagamenti. ……

B'referenza mbaghad ghat-tielet element, il-Prof. Mamo jikkummenta[63]: *"The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the Government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted."* [sottolinejar tal-Qorti]

Illi **F. Antolisei**[64] jghid dan dwar ir-reat ta' konkussjoni, fejn anke jiddistingwieh mir-reat ta' storn jew 'peculato':

"… si ha concussione allorche` il pubblico ufficiale o l'incaricato di pubblico servizio «abusando della sua qualita` o dei suoi poteri, costringe o induce taluno a dare o a promettere indebitamente, a lui o ad un terzo, denaro od altra utilita`».

In questa figura delittuosa il pubblico ufficiale o l'incaricato di pubblico servizzio si avvalgono illegittimamente della loro posizione per procurarsi, da persone che hanno rapporto con l'Amminstrazione, vantaggi che loro non spettano. Lo scopo dell'incriminazione e' duplice: da un lato tutelare l'interesse dell'Amministrazione alla imparzialita`, corretezza e buona reputazione dei pubblici funzionari; dall'altro, impedire che gli estranei subiscano soprafazzioni e, in genere, danni per gli abusi di potere dei funzionari medesemi. Nessun dubbio, pertanto, che ci troviamo di fronte ad un reato *plurioffensivo*.

*A). Soggetto attivo* del delitto era in passato soltanto il pubblico ufficiale e non l'incaricato di un pubblico servizio. Tale limitazione fu oggetto di critiche e poiche` era tutt'altro giustificata, la legge 26 aprile 1990, n.86 ha provveduto a inserire tra I soggetti attivi anche gli incaricati di pubblici servizi.

---

[63] Pagna 82

[64] **F. Antolisei**, Manuale di Diritto Penale Parte Speciale - II, p. 293-300. Undicesima Edizione, Giuffre Editori (1994).

*Soggetto Passivo*, oltre alla pubblica Amministrazione, e' la persone che subisce il danno particolare derivante dall'azione criminosa. La legge indica tale persona col termine «taluno», termine che comprende non solo il privato, ma anche le persone investite di mansion di interesse pubblico, di qualsiasi categoria e grado e persino gli enti pubblici….

*B).* A costruire la fattispecie oggettiva del delitto concorrono vari elementi che e' necessario esaminare sepratamente.

Anzitutto si esige che l'agente *abusi della sua qualita' o dei suoi poteri*….

Presupposto dell'abuso, propriamente inteso, e' la legittimita` della qulaifica soggettiva e, percio`, si e' propensi ad escludere che l'usurpatore possa essere imputato del delitto in parola, salva, naturalmente, la sua responsabilita` per altri titoli criminosi (estorsione, rapina ecc).

Si ha abuso dei poteri tutte le volte che questi sono esercitati fuori dei casi stability dalla legge, dai regolamenti e delle istruzioni di servizio o senza le forme prescritte. Occorre pero` tenere ben presente che vi e' abuso anche quando il funzionario *fa uso di un potere che gli spetta e con le forme dovute, ma lo adopera per conseguire un fine illecito.* Caso tipico e, putroppo non infrequente, e' quello del pubblico ufficiale che, avendo accertato a carico di un individuo una violazione di legge, gli estorce una somma con la minaccia di denuncia o di arresto.

L'abuso della qualita`, d'altra parte, ricorre quando gli atti compiuti dal soggetto non rientrano nella sfera della sua competenza funzionale o territorial, ma egli fa valere (si potrebbe ance dire: fa pesare) la sua qualita` di pubblico ufficiale o incarico di pubblico servizio per conseguire il suo scopo illecito.

*C)*. L'abuso di cui si e` parlato deve avere per effetto *il costringimento* o *l'induzione* della vittima alla dazione o promessa a cui tende il funzionario. A seconda che si verifichi l'uno o l'altra si parla in dottrina di «concussione esplicita» e di «concussione implicita»…..

*D)* Il costringimento o l'induzione deve avere per effetto una *dazione* o *promesssa indebita*….

Per l'incontro il delitto *de quo* deve escludersi nel caso che la prestazione sia dovuta alla pubblica Amministrazione. Il funzionario che la ottenga con abuso dei suoi poteri, rispondera` di peculato se la converte in proprio profitto, mentre se nessun vantaggio personale trae dalla sua azione, incorrera` in sanzioni disciplinari, non essendo possibile ravvisare nel fatto gli estremi del reato di cui all'art.323 (abuso d'ufficio), specie quando esso e` dovuto ad eccesso di zelo. [sottolinejar tal-Qorti]

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minn taghha fl-ismijiet: **Il-Pulizija v Geraldo Sacco**[65] ukoll kellha okkazzjoni tiddistingwi l-elementi sostantivi tar-reat tal-konkussjoni (l-artikolu 112) u dak tal-korruzzjoni (l-artikolu 115):

> Ghalhekk biex tavvera ruhha din l-ipotesi tal-ligi, huwa essenzjali li l-impjegat jikkometti l-ezazzjoni kontra l-ligi **taht "il-libsa jew kulur tal-kariga tieghu".** Ghalkemm huwa estraneu ghar-reat jekk l-impjegat kellu ma ma kellux il-jedd ghall-ezazzjoni bhala salarju ghad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment publiku, huwa pero` rekwizit tar-reat illi l-impjegat ikun ghamel l-ezazzjoni taht il-kulur tal-kariga li jkun jokkupa bhala impjegat publiku. Dak l-artikolu li jirrifletti in parti l-art.196 tal-Kodici penali "Delle Due Sicile", u in parti l-art.174 tal-Kodici Penali Franciz, gie introdott fil-Kodici kif jinsab illum fuq proposta ta' Sir Adriano Dingli fis-seduta tal-LKunsill tal-Gvern tal-4 t'April 1850, li fuq suggeriment ta' Jameson biddlet l-art.108 tal-Progett tal-1848 tal-Ligijiet Kriminali ta' dawn il-Gzejjer;
>
> Illi, biex l-ezazzjoni tkun saret that il-kulur tal-kariga, irid ikollha **l-apparenza ta' legittimita`,** u jrid ikun hemm da parti tal-impjegat l-abbuz tal-awtorita` attribwita lilu mhabba fl-istess kariga tieghu. Dan huwa wiehed mir-reati li l-Kodici jqieghed that it-titolu "Fuq Abbuz ta' l-Awtorita`Publika"; u jkun hemm dan l-abbuz meta l-impjegat publiku, skond l-espressjoni ta' Carmignani, "juris colore quaesito", jezigi xjentement dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti, jew qabel iz-zmien stabbilit mill-ligi; **u hi precizament din l-apparenza ta' legittimita` li tiddiferenzja sostanzjalment din il-forma ta' abbuz tal-awtorita` publika mill-ohra tal-"korruzzjoni" kontemplata fl-art.114 tal-Kodici Kriminali, fejn l-espressjoni "taht il-libsa tal-kariga tieghu" tinbidel fl-ohra "fl-okkazzjoni tal-kariga jew impjieg tieghu";**
>
> Hekk **Roberti** (Vol.V no.560) meta jqieghed bhala tielet element tal-konkussjoni il-"colore di legittimita` attribuito alla indebita esazione" jghid:- "Questo elemento e` tanto importante ad assodarsi, in quanto e' il solo che contraddistingue la concussion dalla corruzione"; u jattribwixxi d-diversita` tal-piena bejn reat u iehor"…..al maggior danno inerente alla concussione, appunto perche` s'inspira nel cittadino, da cui si esige l'indebito, un certo malcontento contro il governo, laddove nella corruzione mettendosi a prezzo un atto del proprio ufficio, dassi evidentemente a comprendere che l'illecito profitto ceda esclusivamente all'ingordia del pubblico ufficiale o impiegato, senza che il governo lo autorizzi o vi partecipi in menoma parte". U Garraud (Droit Penal Francais, vol.4 p.42) jghid:- "la concussion….elle se distingue de la corruption en ce l'inculpe` exige comme un droit ce qu'il sait ne pas lui être du";….
>
> [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Fit-**Trattato di Diritto Penale Italiano [Quinta edizione – Professori P. Nuvolune e G. D. Pisapia] Vol.V, Capo III,** fejn issir distinzjoni bejn il-konkussjoni mill-korruzzjoni, jinghad:

> *"Il criterio distintivo tra la corruzione passiva e la concussione si trae principalmente dall' oggetto giuridico di codesti delitti, e dal carattere di reato bilaterale che ha la corruzione, mentre la concussione ha natura unilaterale.*

[65] Onor. Imhallef J. Flores, Deciza 11.12.1956;

*Infatti col reprimere la concussione si vuole impedire che i pubblici ufficiali abusino del loro ufficio pre trarre illeciti profitti, estorcendo o carpendo cio' che loro non e' dovuto. E' quindi l-avida procacita del funzionario che si colpisce;* ***e' la sua iniziattiva nell' estorcere o nel carpire l' indebito, che viene punita****. Colui che da' o prommette e' una vittima del pubblico ufficiale: e' sempre soggetto passivo del reato.*

*Nella corruzione invece, cio' che viene in considerazione e' l' illecito rapporto consensuale tra il pubblico ufficiale e l' estraneo interessato: il primo cede, sfrutando ingordamente l' ufficio o tradendolo per venalita', alle accaparanti iniziative altrui. Egli acetta ignominiosamente o perfidamente ma' non aggredisce ne richiede. ……****Nella concussione il funzionario CHIEDE, nella corruzione invece ACCETTA****."*

[emfazi tal-Qorti]

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Attard**:[66]

Illi l-imputat huwa primarjament akkuzat bir-reat dispost fl-artikolu 112 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe "Ufficjal Pubbliku li jesigi flus kontra l-ligi" li jiddisponi s-segwenti:

*"Kull ufficjal jew impjegat f'amminstrazzjoni pubblika u/jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, jew jekk ikollu, kemm jekk ma jkollux, jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi* ***taht l-libsa tal-kariga tieghu, jesigi*** *dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond l-ligi…"*

Dan hu reat komunement maghruf bl-ingliz bhala dak ta' 'unlawful exaction'. …..

Illi ghalhekk huwa importanti li jigi ppruvat li l-malvivent huwa ufficjal jew impjegat t'amministrazzjoni pubblika jew persuna impjegata mal-Gvern jew mill-Gvern. Il-ktieb tal-ligi huwa wiesgha hafna u ghalhekk jinkludi kull persuna li huwa direttament jew indirettament fis-servizz pubbliku.

B'hekk kwalunkwe persuna li m'ghandhix dan l-impjieg, ma tistax tinstab hatja ta' dan r-reat anke jekk talab xi flejjes jew oggetti ta' valur zejda waqt il-qadi ta' dmirijietu anke jekk ittanta jghamilha ta' ufficjal pubbliku. Ghalhekk il-kariga ta' ufficjal pubbliku hija element inerenti ta' dan r-reat u mhux cirkostanza aggravanti bir-reat.

Mill-banda l-ohra, jekk il-persuna li qed titlob l-flus jew hag' ohra li mhix dik skond l-ligi, tinsab f'dan is-servizz pubbliku kif fuq deskritt huwa immaterjali jekk ghandu jew m'ghandux skond l-impjieg tieghu, d-dritt li jircievi flus jew effetti ta' remunerazzjoni ghas-servizzi tieghu jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment pubbliku iehor. Din id-disposizzjoni ghandha tigi nterpretata b'mod generali ghaliex r-reat huwa wiehed li jista jigi kommess minn kwalsiasi tip t'ufficjal, kemm jekk jithallas b'mod regolari b'salarju, b'imqieta jew anke jekk jaghti servizz gratuwitu.

**It-tieni element** huwa li jintalab flus jew haga li mhux dovut legalment 'unlawful exaction'. Dak li jitlob il-malvivent ghandu jkun dak li mhux intitolat ghalih jew huwa in eccess ghal dak li huwa intitolat ghalih, jew li huwa mitlub qabel ma huwa dovut. Il-pubbliku ghandu jkun protett minn tali

[66] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Deciza 28.02.2005 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera.

forma ta' dan r-reat tant ikrah. Ir-reat huwa komplet [u ma jissejjahx attentat anke skond l-awturi famusi] meta hemm t-talba illecita bl-ingliz 'exaction', anke jekk il-vittma ma tkunx halset jew accettat li thallas dak li kien mitlub ihallas illegalment.

Skond il-**Professur Mamo**:
*"The mere demand by the public officer or servant, provided it is serious and calculated potentially to achieve the intent, is sufficient to complete the crime."*

Dan hu reat formali u dak li l-ligi thoss li ghandha tipprevjeni ma hux d-dritt ta' pussess privat izda d-dritt pubbliku li l-istat ghandu jiggarantixxi li jagixxi b'mod gust u ekwu tramite r-rappresentanti tieghu u cioe l-impjegati pubblici, u dan d-dritt huwa vjolat meta impjegat pubbliku jesigi dak li mhux intitolat ghalih jew hu in eccess ghal dak li hu intitolat ghalih jew jesigi dak li ma jkunx ghadu dovut lilu. Ghalhekk b'dan nifhmu ahjar dak li trid il-ligi meta fid-disposizzjoni fuq imsemmija insibu l-kelma "tesigi" u cioe fis-sens li ghandha tifhem li rikjesta llecita hija bizzejjed ghal esistenza ta' dan r-eat u m'hemmx bzonn li dak li jkun, ikun ircieva dak li talab jew ahjar esiga.

Lanqas ma huwa necessarju skond l-ligi li l-ufficjal pubbliku li jesigi flus jew hwejjeg, jaghmel dan ghal gwadan tieghu. Huwa reat anke jekk dak l-ufficjal jesigi flus jew hwejjeg mhux dovuti legalment u jircievi u jehodhom ghal gwadan tal-Gvern.

Skond l-awtur Taljan **Maino**:
*"Il reato di consussione consisteva nell'abuso dell'autorita per riscuotere cio che non e' dovuto per tasso diritti o alter contribuzioni."*

**Fit-tielet lok**, huwa mehtieg li dak li jghamel ufficjal pubbliku, ghamlu **fil-qadi ta' dmirijietu**. Mhux necessarju li l-malvivent li jitlob il-flus jew hwejjeg illegalment, jaghmel hekk b'mod volut "knowingly", izda semplicement huwa rikjest li jigi ppruvat li dak li ghamel u cioe esiga l-flus jew hwejjeg ghalih **meta ma kienx intitolat** li jaghmel hekk.

Mhemmx dubbju li mill-fatti specie tal-kaz in dezamina ma kien hemm ebda apparenza ta' legittimita` f'dak li kien qed jaghmel Micallef. Ghalhekk qatt ma tista' tirrizulta l-konkussjoni tenut kont li qatt ma seta' jinfthiem li l-agir tal-imputat Micallef kien qed issir taht *"il-libsa jew kulur tal-kariga tieghu"!*

Fuq dan l-insenjament l-imputat qed jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

### *Storn/'Embezzlement': It-Tielet Imputazzjoni*

Illi l-element essenzjali ghal dan ir-reat ta' storn ('peculato' jew *embezzlement*) hu li l-awtur irid ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku li jabbuza mill-haga stornata li tkun giet fdata lilu minhabba dak l-impjieg.

Issir riferenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Carmel Saliba** deciz nhar il-31 ta' Mejju, 2012,[67], fejn il-Qorti rriteniet:

> Hawnhekk id-*dolo* mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-**Professur Mamo:**
>
> "*Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e."misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain*." Huwa jikkwota dak li ighid l-**Imhallef Harding**:
>
> ***"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."***
>
> Jidher ghalhekk illi l-*mens rea* fil-kummissjoni ta' dan ir-reat huwa l-intenzjoni tal-ufficjal pubbliku li jaghmel uzu hazin mill-oggett ikkonsenjat lilu u dana b'mod frawdolenti biex b'hekk huwa jaghmel qliegh personali mill-istess.

**F. Antolisei**[68] jikteb dan:

> **179. Peculato** -- Il peculato, inteso *lato sensu*, in sostanza non e` altro che un'appropriazione indebita commessa da un pubblico funzionario. ……..
>
> I. Peculato (art.314, primo comma) - Consiste nel fatto del pubblico ufficiale o del incaricato di un publico servizio che «avendo per ragioni del suo ufficio o servizio il possesso o comunque la disponibilita` di denaro o di altra cosa mobile altrui, se ne appropria».
>
> Scopo dell'incriminazione e` non solo la tutela dell'interesse statale alla probita` e correttezza dei funzionari pubblici e, quindi, una difesa contro i loro abusi, ma anche la protezione dei beni patrimoniali loro affidati, a chiunque appartengono, anche in funzione del mantenimento della destinazione e orginaria della cosa…..
>
> *A). Presupposto* del delitto e` che il pubblico ufficiale o l'incaricato di un pubblico servizio abbia, per ragione di uffico, il possesso o comunque la disponibilita` della cosa o del denaro. …..
> nel caso di cosidetta disponibilita` giuridica, vale a dire quando il pubblico funzionario ha un potere di vigilianza e di controllo sulla cosa, senza averne la detenzione. A nostro avviso, peraltro, e' possibilie conciliare le due opposte concezioni in una sintesi che ne colga gli elementi positivi. ….

[67] Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex), Onor. Magistrat Dr Edwina Grima
[68] F. Antolisei, Manuale di Diritto Penale Parte Speciale -II, p. 278-287. Undicesima Edizione, Giuffre Editori (1994).

Riteniamo pertanto, che il possesso di cui all'art.314 consista nella *possibilita` di disporre, al di fuori della altrui sfera di vigilanza, della cosa sia in virtu` di una situazione di fatto, sia in conseguenza della funzione giuridica esplicata dall'agente nell'ambito dell'Amministrazione.*
……
Altra stregua di tale concetto, potra` rispondere, quindi, del delitto in esame tanto il funzionario che si custode della cosa, quanto il dirigente, che, pur non avendo la disponibilita` materiale di quest'ultima, si trovi in un tale rapporto gerarchico da potersela procurare senza essere ostacoloato dai suoi dipendenti.

*B).* Incertezze sorgono anche nel precisare quando si abbia «la ragione di ufficio» come titolo di possesso. Intesa in senso stretto, questa espressione esige che tra la funzione pubblica ed il posesso della cosa o del denaro intercorra un rapporto di dipendenza immediata: implica, cioe`, una competenza funzionale specifica, sia pure derivante della prasse amministrattiva. Intesa invece in senso lato, la "ragione di ufficio" diventa equivalente di "occassione", in modo da comprendere ogni possesso che comunque tragga origine dalla funzione pubblica esercitata dal soggetto.

La giurisprudenza e` decisamente per questa seconda interpretazione.

*C).* La cosa, o il denaro, devono essere altrui cioe` possono «appartenere» alla pubblica Amministrazione, o a qualsiasi altro soggetto privato…………

*D). Il fatto materiale* consiste nell'appropriarsi, il denaro o la cosa mobile altrui posseduti per ragioni di ufficio o servizio.

«Appropriarsi» di una cosa significa comportarsi nei suoi confronti *uti dominus* e, cioe`, esercitare su di essa atti di dominio incompatibili con il titolo che ne giustifica il possesso.
….
E). Il reato *si consuma* nel momento in cui si realizzanno gli atti di appropriazione. ….

Il verificarsi di un danno patrimoniale non e` richiesto, e percio` e` indifferente, fra l'altro, il fatto che l'autore del reato abbia prestato una cauzione.

F). *L'elemento soggettivo* consiste nella coscienza e volonta` di porre in essere un comportamento di appropriazione nel significato sopra descritto, al fine di ricavarne un profito per se` o per altri. La legge non richiede piu` esperessamente quest' ultimo requisito, probabilmente perche` ritenuto superfluo data l'amplissima accezzione attribuita al concetto di profitto: ma per necessita` di cose, esso deve ritenersi implicito nell'appropriazione.

Il semplice proposito e, *a fortiori*, la pura speranza di restituire la cosa appropriate, per ovvie ragioni, non escludono il dolo.

Kif ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alexander Zammit et**.:[69]

*"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm*

[69] Deciza 13.03.1998, App. Krim.

*dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*

Issa fil-kaz in dezamina l-meters qatt ma sfaw approprijati minn Micallef fis-sens li ghadu kif gie mfisser. Kien jirrizulta dan ir-reat li kieku Micallef, per ezempju, wara li ha l-pussess tal-meters, ipproceda biex bieghhom jew zammhom ghandu! Ghalhekk dan ir-reat lanqas ma jirrizulta.

### *Truffa/Frodi innominat: Ir-Raba u l-Hames Imputazzjoni*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) elenkat l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' truffa:[70]

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*[71]

X'jikkostitwixxi r-raggiri u l-artifizji gie kunsidrat f'diversi sentenzi fosthom dik **il-Pulizija vs Charles Abela** fejn il-Qorti ghamet ezami *funditus* fuq ir-reat ta' frodi:[72]

Fi kliem **Antolisei**:[73]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Antolisei jkompli jghid pero li

---

[70] Deciza 15.12.2011 per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke

[71] **Pulizija vs Carmela German**; Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata

[72] Deciza 06.07.2016 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli

[73] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.*[74].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet.*[75]

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra:**[76]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Charles Zarb****, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*
*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

---

[74] Op cit pagna 357
[75] **Pulizija vs Emanuel Ellul;** Deciza 20.06.1997
[76] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima; Deciza fit-2.03.2011

*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "**I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick*

*Spiteri deciza 22/10/2004) : **"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): **"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***
[emfazi tal-Qorti]

Fil-kaz in dezamina ma jirrizultaw li ntuzaw l-ebda raggiri jew artifizji jew gideb adoperati minn Micallef li wasslu konsumaturi tal-Enemalta jhallsuh il-flejjes li ssemmew. Anzi kienu jafu ezatt x'kien intenzjonat jaghmel tant li ma kienu xejn ghajr *willing participants* fid-delitt ta' serq ta' dawl! Bla dubbju l-ghemil ta' Micallef jinkwadra f'komplicita` fis-serq t'elettriku, imputazzjoni li ma gietx addebitata lilu, izda daqstant iehor mhemmx dubbju li dak l-ghemil ma jinkwadrax f'dak ta' frodi. Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat mir-raba u mill-hames imputazzjoni.

Ghalkemm l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju jiccita l-artikolu 23C tal-Kodici Kriminali, il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li jissusistu c-cirkostanzi ravvizati b'dak l-artikolu. Ghalhekk il-Qorti giet prekluza milli tapplika d-disposizzjoni tal-artikolu 23C tal-Kodici Kriminali.

Dwar piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, tal-hsara kbira li saret lill-parte civile fejn fid-daqqa u l-hin sabet ruhha vittma ta' serq ta' kurrent elettriku massicc li lahhaq l-eluf ta' ewro. Ittiehed kont tal-fedina penali tal-imputat li ma tohloq l-ebda preokkupazzjoni ghall-qorti, tal-ammissjoni tieghu dwar l-ewwel imputazzjoni kif ukoll ghal dak li xehdet il-Probation Officer Charisse Boffa.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 10, 18, 31, 115(1)(b)(c) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, tilliberah mill-kumplament u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.

In oltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hati taht ordni ta' supervizjoni ghal sentejn u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 28G(1A) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed timponi ordni fejn il-hati qed jigi mehtieg jaghmel mitt siegha servizz fil-komunità.

Ai termini tal-Artikolu 23B(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,[77] tordna li l-ammont ta' €12,600, ir-rikavat provvenjenti mill-ewwel imputazzjoni, jigi konfiskat favur il-Gvern jew, fin-nuqqas li tigi konfiskata tali somma, ghandha tigi konfiskata dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta €12,600.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23B(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, f'kaz li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputat ghandu jhallas *multa* ta' €12,600 li tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni fuqu impost.

---

[77] Disposizzjoni tassativa li tipprovdi: Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti **għandha**, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti….. tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew dik il-propjeta` li l-valur taghha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat…..

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,752.30 rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment il-Qorti, wara li rat l-artikolu 119 tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-**interdizzjoni generali perpetwa** u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,

Tordna li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**